MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 2110/2000/1

**V.A.B. Company Limited**

**v.**

**Maria Isabella sive Marisa Turkdogan**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2000 is-socjeta` attrici ppremettiet illi fit-8 ta' Mejju, 1997 il-partijiet kienu iffirmaw

“management agreement” (Dok. A) li permezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat l-inkarigu sabiex tamministra l-post “Jumbo Lido” ghall-perjodu ta’ sitt snin; illi l-konvenuta kienet hallset is-somma ta’ erbghin elf lira (LM40,000) dak inhar illi giet iffirmata l-imsemmija skrittura rapprezentanti hlas ghall-perjodu Mejju 1997 sa Mejju 1999; illi l-konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas is-somma ta’ ghoxrin elf lira (LM20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem ghall-erba’ snin rimanenti; illi t-tieni pagament ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), ghall-perjodu Mejju 2000 sa Mejju 2001, kien dovut fit-8 ta’ Mejju 2000, skond kif jirrizulta mill-istess imsemmija skrittura; illi flimkien mal-ghoxrin elf lira (LM20,000) il-konvenuta trid thallas ukoll it-taxxa tal-VAT, bir-rata ta’ 15%, ammontanti ghalhekk ghas-somma ta’ tlett elef lira (LM3,000); illi l-konvenuta giet interpellata biex thallas izda xorta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti u ghalhekk il-kawza tista` tigi deciza ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Procedura Civili; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ LM23,000, li minnhom LM3,000 huma VAT, dovuti lis-socjeta` attrici a bazi ta’ l-iskrittura privata datata 8 ta’ Mejju 1997 – kollox skond [kif] intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mit-8 ta’ Mejju 2000 u bl-ispejjez LM20 tal-konsult kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

B’digriet moghti fl-20 ta’ Novembru, 2000 il-konvenuta nghatat il-fakolta` li tikkontesta t-talba attrici u l-Qorti ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali.

B’nota pprezentata fl-24 ta’ Novembru, 2000 il-konvenuta eccepiet li:-

1. Preliminarjament illi hi ma hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, dan stante li l-kumpannija TUR Company Limited giet regolarment sostitwita flokha fuq il-kuntratt mertu ta’ din il-kawza, qabel l-iskadenza mertu ta’ din il-kawza, u dan kif permess mill-istess kuntratt;

2. Fit-tieni lok u fi kwalsiasi kaz illi t-talba attrici hija esagerata u eccessiva billi kwalsiasi ammont ta’ VAT u taxxa ohra, kien inkluz fil-prezz pattwit; illi s-somma ta’ tlett elef lira VAT ma hijiex dovuta.

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza ta’ l-1 ta’ Marzu, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attrici ghoxrin elf lira (LM20,000) bl-imghax minn dak in-nhar li saret talba ghall-hlas b’att gudizzjarju. Dik il-Qorti wkoll ordnat li l-ispejjez jinqasmu billi l-attrici thallas parti wahda minn ghaxra (1/10) u l-konvenuta thallas disa’ partijiet minn ghaxra (9/10) u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“Ma hux kontestat illi fit-8 ta’ Mejju 2000 kellu jsir hlas skond il-ftehim tat-8 ta’ Mejju 1997[2]. Il-konvenuta izda qieghda tghid illi qabel dak in-nhar hija kienet dahhlet flokha lil terzi fid-drittijiet u obbligazzjonijiet li kellha taht il-kuntratt, u illi dan setghet taghmlu taht il-patt numru ghaxra tal-ftehim (10):

“10. The manager shall have the right to sub-contract or assign this agreement to third parties provided that he obtains the company’s approval in writing, which approval shall not be capriciously withheld. Upon the happening of this event, and simultaneously therewith, the manager

2 Fol. 6 et seq.

and/or the new manager and/or the assignee shall pay to the company the sum equivalent to two years' fee in advance and provide the same bank guarantee existing today.[3]

"Kreditur jista' jcedi l-jeddijiet tieghu lil terzi, izda debitur ma jistax icedi d-djun minghajr il-kunsens tal-kreditur. Is-socjeta` attrici tichad illi tat il-kunsens taghha kif trid il-ligi u kif irid ukoll l-ghaxar patt tal-ftehim, u l-konvenuta ma ressqet ebda xiehda illi dak il-kunsens tassew inghata. Ghalhekk l-eccezzjoni mibnija fuq cessjoni ta' obbligazzjonijiet ma tistax tinlaqa' u hija michuda.

"Dwar it-talba ghat-taxxa fuq il-valur mizjud, billi l-kuntratt sar fi zmien meta ma kinitx fis-sehh dik it-taxxa izda kompla fi zmien wara li dahlet fis-sehh, ighodd l-artikolu 89 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kap. 406]:

"89. Meta, fl-esekuzzjoni ta' kuntratt maghmul qabel id-data effettiva, jigu provduti oggetti jew servizzi f'dik id-data jew wara dik id-data, u dik il-provvista tkun provvista taxxabbli, dak il-kuntratt ghandu jitfisser, ghall-ghamijiet kollha ta' kull ligi, daqslikieku l-partijiet ta' dak il-kuntratt kienu ftehmu tibdil fil-kumpens fih stipulat biex jirrifeltti d-differenza, jekk ikun hemm, bejn is-sistema tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u dik applikabbli taht dan l-Att:

"Izda dan l-artikolu ma jkunx jghodd –

(a) meta johrog mill-kuntratt u mic-cirkostanzi kollha relevanti li l-kumpens stabbilit skond dak il-kuntratt kien qabel ipprovda ghal dak it-tibdil jew li l-partijiet kienu eskludew kull tibdil fil-kumpens minhabba l-imsemmija differenza;

(b) meta jew sal-limitu li l-provvista msemmija kienet dovuta li ssir, skond l-istess kuntratt, qabel id-data effettiva u d-dewmien kien dovut ghal xi nuqqas mill-persuna li taghmel dik il-provvista.

---

3 Fol. 9.

“Il-kuntratt ighid illi l-konvenuta ghandha titqies bhala *manager* ta’ l-attrici. *Manager* huwa dak li jaghti, mhux jiehu, servizz. Ghalhekk, skond l-intenzjoni tal-partijiet, ma hijiex il-konvenuta illi thallas lill-attrici izda l-attrici thallas lill-konvenuta parti mid-dhul tan-negozju u zzomm il-bqija hi. Fil-fatt dik il-parti tal-ftehim li ssemmi *compensation* lill-konvenuta tqis is-somma ta’ ghoxrin elf lira (LM20,000) fis-sena bhala dak li jifdal mid-dhul tan-negozju ghall-attrici wara li jitnaqqas dak li jmiss lill-konvenuta ghas-servizzi taghha. Ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, hemm “cirkostanzi relevanti” bhal dawk imsemmija fl-art. 89 (b) tal-Kap 406 biex juru illi l-partijiet kienu eskludew tibdil fil-kumpens.

“Ghalhekk, l-eccezzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud hija tajba u qieghda tintlaqa’ “

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija nkwantu giet michuda l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk b’rikors pprezentat quddiem din il-Qorti fil-21 ta’ Marzu, 2002 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, s-sentenza appellata tigi riformata billi din il-Qorti thassarha f’dik il-parti f’liema giet michuda l-ewwel eccezzjoni taghha u dan billi tilqa’ dik l-eccezzjoni u b’hekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

Fir-risposta intavolata mis-socjeta` attrici appellata jinghad li s-sentenza hija legalment korretta u fattwalment giusta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha bl-ispejjez doppji kontra l-appellanti.

**L-aggravji tal-konvenuta appellanti.**

Qed jigi sottomess fir-rikors ta’ l-appell li l-konvenuta ma hijiex il-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana billi, fi kliem l-istess rikors:-
“Illi skond il-ftehim bejn il-partijiet il-konvenuta dejjem kellha d-dritt li tissostiwixxi lilha nnifisha b’kumpannija

iffurmata bejnha u bejn ir-ragel taghha. "*with the right of substitution with a limited liability Company formed between herself and her husband (hereinafter called the Manager).*" Huwa precizament dan li ghamlet il-konvenuta, u cioe` issostitwiet lilha nnifisha b'kumpannija iffurmata bejnha u r-ragel taghha u dan kif jirrizulta ampjament mill-Memorandum and Articles of Association. L-artikolu citata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tittratta sitwazzjoni fejn il-konvenuta tkun tixtieq tassenja lil persuna estraneja. Dan ma kienx il-kaz u il-kuntratt kien jintitola lill-konvenuta li, fi kwalsiasi mument, tissostitwixxi lilha nnifisha b'kumpannija kif permess. Ma hu rikjest l-ebda formalita` fil-konfront tal-kumpannija attrici diment li hi kellha dan id-dritt fi kwalunkwe mument u dan kif jirrizulta mill-iskrittura in kwistjoni. Illi l-aggravju tal-konvenuta ghalhekk tikkosnisti fil-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti injorat ghal kollox dan id-dritt u sahhqet biss fuq l-artikolu numerat ghaxra. Pero` huwa sottomess u ser jigi trattat ampjament tul is-smigh ta' dan l-appell li l-artikolu 10 huwa inapplikabbli billi fuq l-iskrittura stess is-socjeta` attrici kienet qieghda taghti minnufih il-kunsens taghha ghal tali sostituzzjoni. Illi huwa umilment sottomess li s-sostituzzjoni saret korrettement u skond il-ligi u entro it-termini permessi lill-konvenuta."

Oltre din is-sottomissjoni, waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, il-konvenuta appellanti osservat li dakinhar meta saret is-sostituzzjoni minnha ghas-socjeta` formata bejnha u zewgha, ma kien ghad hemm ebda ammont dovut lis-socjeta` attrici u dana in vista tal-fatt li s-sostituzzjoni sehhet qabel l-iskadenza mertu tal-kawza.

Fir-risposta taghha s-socjeta` attrici, filwaqt li rrikonoxxijiet d-dritt ta' sostituzzjoni billi dan id-dritt jirrizulta mill-kuntratt, irrilevat primarjament li l-konvenuta ma gabet ebda prova li s-socjeta` TUR Company Ltd dahlet floka fid-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-kuntratt. Aktar minn hekk, tkompli tghid s-socjeta` attrici appellata, il-konvenuta lanqas biss indikat id-data ta' meta saret din l-allegata sostituzzjoni.

Fit-tieni lok qed jig osservat li, anke jekk din is-sotituzzjoni fil-fatt saret, din ma saritx skond il-ligi peress li s-socjeta` attrici ma nghatax informazzjoni dwar il-bidla.

Finalment gie sottomess li l-konvenuta ma kellhiex dritt li ccedi d-dejn minghajr il-kunsens tas-socjeta` attrici.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Qabel ma din il-Qorti tikkonsidra l-mertu ta' l-appell interpost mill-konvenuta huwa relevanti li jigu sottolineati certa cirkostanzi li jirrizultaw mill-atti tal-kawza u li certament ma jaghtu ebda kredibilita` ghal dak li qed jinghad fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u cioe` li kien hemm "*assignment*" ta' l-obbligi naxxenti mill-iskrittura tat-8 ta' Mejju, 1997 mill-konvenuta lis-socjeta` TUR Company Limited, liema eccezzjoni ghandha ghalhekk tibqa' kunsidrata bhala allegazzjoni <u>u xejn aktar</u>.

1. Qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-allegata assenjazzjoni tad-drittijiet u obbligi taht l-imsemmija skrittura tirrizulta imsemmija biss fl-ewwel eccezzjoni u imkien fil-process ma tirrizulta l-icken prova ta' tali assenjazzjoni.

2. Il-konvenuta, kif kellha obbligu li taghmel, naqset li tipprezenta l-Memorandum and Articles tas-socjeta` TUR Company Ltd biex, ghall-anqas, jintwera li din is-socjeta` kellha, fost l-"*object clauses*" il-fakolta` li tiggestixxi negozju rikjest fit-tmexxija ta' "*Lido*".

3. Jirrizulta inoltre li din is-socjeta` sahansitra cirka tmien xhur wara l-allegat "*assignment*" lanqas biss ma kienet registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, rekwizit 'sine qua non' biex jitmexxa in-negozju in kwistjoni (vide fol-25).

4. Ic-Chairman u d-direttur tas-socjeta` attrici xhedu, u f'dan ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni, li l-ewwel darba li huma saru jafu b'din l-allegata

"*assignment*" kien meta gew notifikati bin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

5. Fl-20 ta' Dicembru 2000 il-kawza giet mhollija ghat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Marzu, 2001 bil-fakolta` lill-partijiet li jressqu l-provi taghhom permezz ta' affidavits u l-konvenuta kellha tipprezenta taghha mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-differiment. Izda jirrizulta li l-konvenuta naqset milli tipprezenta xi affidavits, kif ordnata, u ghalkemm is-socjeta` attrici pprezentat l-affidavits taghha, debitament notifikati lill-konvenuta, din ma uzufruwitx mid-dritt moghti lilha mill-Qorti (ghalkemm ma kienx hemm talba f'dan is-sens) li taghmel kontro-ezami ta' Frank u Dr. Peter Fenech. Anzi, meta issejhet il-kawza fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2001, meta dakinhar kienet ukoll prezenti l-konvenuta, din lanqas biss ma insistiet fuq xi kontro ezami jew li tinghata l-fakolta` tressaq provi u halliet li l-kawza tmur ghas-sentenza ghall-1 ta' Marzu, 2002, cioe` cirka tmien xhur u nofs wara l-ahhar udjenza, u f'dan il-perjodu lanqas biss ma sar tentattiv biex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

F'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li l-ewwel risposta tas-socjeta` attrici appellata u cioe` fejn jinghad li "*l-konvenuta ma gabet l-ebda prova dwar xejn"* hija gustifikata u twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li l-allegata sostituzzjoni kienet merament 'allegazzjoni' u xejn aktar.

**Ikkunsidrat:**

Izda anke jekk, ghal grazzja ta' l-argument, kellu jigi accettat li dan l-"*assignment*" effettivament sehh, din il-Qorti wkoll ma tistax taccetah bhala validu.

Huwa minnu li l-konvenuta kellha kull dritt li tassenja d-drittijiet u l-obbligi taghha lill-socjeta` formata bejnha u zewgha. Izda dan d-dritt ma jnaqqas xejn mill-obbligi naxxenti mill-klawsola 10 tal-"Conditions" li jinsabu annessi mal-ftehim u li, skond l-istess ftehim "are made an integral part of this agreement."

Ma jistax jigi kontestat li s-socjeta` TUR Company Ltd, anke jekk formata mill-konjugi Turkdogan, dejjem tibqa' "*a third party*", u ghalhekk dejjem kien mehtieg li jkun hemm "*the company's approval in writing*" ghalkemm, fil-kaz tas-socjeta` in kwistjoni u in vista ta' dak li jinghad fil-premessi tal-ftehim, tali "*approval*" ma setghax jigi michud. B'dana kollu l-artikolu in kwistjoni ma jitkellimx biss dwar "*approval*" izda jikkontempla pagament ta' sentejn tal-*fee* dovuta bil-quddiem u inoltre li l-akkwirent ossia '*assignee*' gdid jipprovdi "*the same bank guarantee existing to-day.*" Jidher li f'dan ir-rigward il-konvenuta naqset totalment u ghalhekk l-aggravju taghha ma jirrizultax gustifikat u konsegwentement l-appell ser jigi michud.

In vista ta' dak li nghad sa issa ma jidhirx li s-sottomissjoni maghmula mill-konvenuta appellanti waqt is-smigh ta' l-appell timmerita xi konsiderazzjonijiet ulterjuri.

Finalment dwar it-talba tas-socjeta` attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' '*doppie spese*' din il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni biex tiehu dan il-provvediment.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha, anke in vista tal-fatt li ma sar ebda appell fuq il-kwistjoni tal-VAT.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------